

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira u T. Scharf, aġenti)

Dispożittiv

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *Internationaler Hilfsfonds eV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 302, 14.09.2015.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-4 ta' Frar 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Commissione Tributaria Provinciale di Torino – l-Italja) – Véronique Baudinet et vs Agenzia delle Entrate – Direzione Provinciale I di Torino

(Kawża C-194/15) (¹)

(Rinviju għal-deċiżjoni preliminari — Artikolu 63 TFUE u 65 TFUE — Moviment liberu tal-kapital — Artikolu 49 TFUE — Liberta' ta' stabbiliment — Tassazzjoni diretta — Taxxa fuq id-dividendi — Ftehim bilaterali għall-ħelsien mit-taxxa doppja — Taxxa doppja legali)

(2016/C 136/04)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Commisione Tributaria Provinciale di Torino

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Véronique Baudinet, Adrien Boyer, Pauline Boyer, Edouard Boyer

Konvenuta: Agenzia delle Entrate – Direzione Provinciale I di Torino

Dispożittiv

L-Artikoli 49 TFUE, 63 TFUE u 65 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li bis-saħħa tagħha, meta resident ta' dan l-Istat Membru, li jkun azzjonist ta' kumpannija stabilita fi Stat Membru ieħor, jirċievi minn din il-kumpannija dividendi ntaxxati f'dawn iż-żewġ Stati Membri, ma tiġix evitata t-taxxa doppja permezz tal-għot, fl-Istat Membru ta' residenza tal-azzjonist, ta' kreditu ta' taxxa għall-inqas ekwivalenti għall-ammont ta' taxxa mhalla sa fl-Istat Membru tas-sors ta' dawn id-dividendi.

(¹) ĠU C 245, 27.7.2015.